*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Allergan Holdings France SAS (Courbevoie, Franza)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea JUVÉDERM — Trade mark tal-Unjoni Nru 5 807 169

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Diċembru 2018 fil-Każ R 263/2017-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell sabiex ibatu l-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll dawk sostnuti mir-rikorrenti f'kull stadju tal-azzjoni għal revoka u tal-proċedimenti ta' appell, inklużi l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2019 — Louis Vuitton Malletier vs EUIPO — Wisniewski (Rappreżentazzjoni ta' disinn ta' chequerboard)**

**(Kawża T-105/19)**

(2019/C 139/87)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Louis Vuitton Malletier (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: P. Roncaglia, G. Lazzeretti, N. Parrotta u F. Rossi, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Norbert Wisniewski (Varsavja, il-Polonja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Disinn kontenzjuż ikkonċernat:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea dwar trade mark figurattiva li tirrappreżenta disinn ta' chequerboard — Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 2 829 851 li tindika l-Unjoni Ewropea

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Novembru 2018 fil-Każ R 274/2017-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO jbati l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti matul dawn il-proċeduri;

— tikkundanna lil Norbert Wisniewski jbati l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 59(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 59(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2019 — ACRE vs Il-Parlament

**(Kawża T-107/19)**

(2019/C 139/88)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Alliance of Conservatives and Reformists in Europe (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: E. Plasschaert u E. Montens, lawyers)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew